VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,827, 11 ta' Lulju, 2017
Taqsima B

A.L. 190 tal-2017

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI (KAP. 327)

L-Istatut biex jemenda l-Istatut għall-Istitut għat-Turiżmu, l-Ivvjaġġar u l-Kultura

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga l-istatut li ġej magħmul mill-Kunsill tal-Università ta' Malta bis-saħħa mogħtija lilu bl-artikoli 72(h), 75(2), u 77(c) ta' dak l-Att:

It-Titolu

1. Dan l-istatut jista' jissejjaħ l-Istatut biex jemenda l-Istatut biex jemenda l-Istatut għall-Istitut għat-Turiżmu, l-Ivvjaġġar u l-Kultura u għandu jinqara u jinftiehem bħala ħaġa waħda mal-Istatut għall-Istitut għat-Turiżmu, l-Ivvjaġġar u l-Kultura, ppubblikat bħala Avviż Legali 552 tal-2010, li minn hawn 'il quddiem jissejjaħ "l-istatut prinċipali".

L-Emenda għall-artikolu 4 tal-istatut prinċipali

2. Minflok l-artikolu 4 tal-istatut prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"4. L-Istitut jitmexxa minn Bord li jkun magħmul kif ġej:

(i) *Chairman*: Ir-Rettur jew id-delegat tiegħu;
(ii) Viċi-*Chairman*: Id-Direttur tal-Istitut;
(iii) sa mhux aktar minn żewġ persuni maħtura mill-Kunsill tal-Università;
(iv) persuna maħtura mis-Senat tal-Università;
(v) sa mhux aktar minn żewġ rappreżentanti tal-istaff akkademiku li jgħallmu fi ħdan l-Istitut;
(vi) sa mhux aktar minn żewġ rappreżentanti tal-istudenti rreġistrati fl-Istitut;
(vii) studjuż ta' fama rrikkmandat mill-Bord u approvat mis-Senat;
(viii) persuna involuta u attiva fil-qasam tat-turiżmu, l-ivvjaġġar u l-kultura nnominata mill-Bord u approvata mis-Senat; u
(ix) persuna nnominata mill-Bord tat-Tmexxija tal-*Institute of Tourism Studies* u approvata mis-Senat;
(x) membri onorarji jistgħu jiġu rrkmandati mill-Bord u approvati mis-Senat.

Ir-Reġistratur jew id-delegat tiegħu jservi bħala s-Segretarju tal-Bord."